# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 196/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ian Abdilla)

vs

**Peter sive Pierre Falzon**

iben Frances, imwieled Pieta', fil-5 ta' Awwissu, 1960, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 535060(M)

Illum, 26 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Peter sive Pierre Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Dicembru, 2008 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentment ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis, jew bi hsara ta' Cettina Agius;
Talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkometta tali reati filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' April, 2014 fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni elenkata fil-paragrafu "b" tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, ma sabitx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-imputat appellat Peter *sive* Pierre Falzon hati tal-akkuzi dedotti kontrih u konsegwentement timponi l-piena idoneja skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fid-29 ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-esponentAvukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-imputat appellat minhabba li l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni saru f'zewg granet partikolari u cioe' fil-11 u t-12 ta' Dicembru 2006 u mhux f' Dicembru tal- 2008.

Illi fil-fatt l-imputazzjonijiet dedotti kontra Pierre Falzon jaqraw hekk *"Billi int akkuzat talli f'Dicembru 2008 u fix-xhur u fis-snin ta'qabel..."*[emfazi tal-sponent]. Huwa veru li mill-provi jirrizulta' kjarament ippruvat li d-dati in dizamina huma dawk ta' bejn il-11 u t-12 ta' Dicembru 2006. Fil-fatt, kemm il-prokura esebita *a fo1.24-26* tal-Atti Processwali u kif ukoll il-kuntratt ta' bejgh fuq il-fond 18, Triq il-Ajkla, Marsa, esebit *a fol.21-23* tal-Atti Processwali, igibu d-dati tal-ll u t-12 ta' Dicembru 2006 rispettivament.

Illi pero' huwa daqstant veru li d-dati rapportati fl-akkuzi odjerni jikkomprendu l-perjodu in kwistjoni. u cioe' l-perjodu ta' Dicembru tal-2006. L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet, korrettement, li l-unika haga li gara' f Dicembru 2008 kien li s-sinjorina Cettina Agius marret taghmel ir-rapport dwar l-akkadut. Fil-fatt il-Qorti stess, fl-ahhar tas-sentenza taghha qalet testwalment hekk:

*"l-unika haga li grat f'Dicembru 2008 kien li sar ir-rapport da parti ta' Cettina Agius dwar l-avvenimenti li sehhew f Novembru u Dicembru 2006".*

Illi ghalkemm kif intqal, din l-osservazzjoni hija wahda korretta, ghax il-provi ma jhallu l-ebda lok ghal dubju dwar dan, pero "ma jsegwix li ghal dik ir-raguni *biss* l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-imputat appellat mill-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu, meta l-perjodu in kwistjoni. u cioe' ta' Dicembru, 2006 huwa effettivament inkluz u rispekkjat fl-akkuzi.

Illi l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola x' ghandu jkun fiha c-citazzjoni:

*"lc-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat:"*

Illi fil-kaz odjern ic-citazzjoni li tirrizulta' mill-Atti Processwali ma tidhirx li hija karenti minn

xi rekwizit essenzjali *ad validatem* skond id-diposizzjoni tal-ligi fuq riportata, anzi, jidher li hemm dak kollu necessarju sabiex ic-citazzjoni sservi l-funzjonijiet primarji taghha, inkluzi *"il-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiequ jew li jkunu jistghu jinghataw".*

Illi huwa risaput ukollli c-ctazzjoni ghandha sservi bhala *'avviso di comparire'*. Fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Benny Zaffarese et.* tat-13 ta' Jannar, 1995, din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta rriteniet hekk:

*"L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda* ma *jispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. jekk xi dettalji jithallew barra dan b'ebda mod ma jgib in-nullita tac-citazzjoni.*

*Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna ndikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijtet primari tac-citazzjoni, u cioe' li sservi ta' 'avviso a comparire' tkun giet ezawrita."*

Illi l-kaz fuq kwotat kien jirrigwarda specifikament id-dettalji personali tal-imputat altru milli d-dettalji ta' fejn u meta graw l-allegati reati. Pero' bhala spunt, wiehed jista' jinnota b' liema mod din l-Onorabbli Qorti dejjem harset lejn ir-rwol tac-citazzjoni, Issa mela, fil-kaz odjern, meta jidher li c-citazzjoni ma kellha xejn intrinsikament hazin u kienet issemmi d-dettalji kollha rilevanti, inkluz iz-zmien li fih gew kommessi l-allegati reati, setghet l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha?

Illi l-punt saljenti ghalhekk huwa dan - Il-perjodu indikat fic-citazzjoni odjerna, li jaghmel referenza ghal Dicembru, 2008 u x-xhur *u s-snin ta' 'label,*ghandu jitqies li jikkomprendi l-perjodu ta' Dicembru, 2006 meta effettivament sar il-kuntratt ta' bejgh li qieghed jigi ikkontestat?

Illi l-esponent jemmen li r-risposta ghandha tkun wahda fl-afferrnattiv. Huwa veru li gialadarba irrizulta' lill-Pulizija, mill-investigazzjonijiet li saru, li l-allegati reati saru f'Dicembru, 2006 (meta saru l-prokura u l-kuntratt ta' bejgh) u mhux f' Dicembru, 2008, dan preferibbilment kellu jkun rispekkjat fin-narrattiva tal-akkuza kif riportata fic-citazzjoni.

Izda l-fatt li l-Pulizija, *ex abundanti cautela,* semmew il-perjodu ta' Dicembru, 2008 u is-snin ta' qabel, minflok semmew biss il-perjodu ta' Dicembru, 2006, kellu jkun *l-uniku fattur determinanti* sabiex l-imputat appellat ma jinstabx hati? Mis-sentenza appellata jidher kjarament li dan kien l-unika fattur motivanti wara d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggrabju tal-Avukat Generali jdur mal-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' kif giet miktuba c-citazzjoni meritu ta' dan il-kaz. Fil-parti specifika tad-data ta' meta gara l-incident. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ghaliex il-prosekuzzjoni kellha d-data ezatta ta' meta gara l-fatt izda ppreferiet ticcita d-data ta' meta sar ir-rapport u is-snin ta' qabel. Meta l-prosekuzzjoni jkollha data specifika hi obbligata li tindika fil-zzjoni d-data partikolari u mhux tipprogetta l-akkaduta fis-snin ta' qabel.

Illi l-ewwel Qorti ma waslitx ghal konkluzjoni taghha biss fuq dak li ntqal fil-paragrafu precedenti. Hi staqarret ukoll li f'dawk ic-cirkostanzi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jistghux jirrizultaw. Din il-Qorti fliet mill-gdid il-provi prodotti u taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.